MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 945/2011

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Jannar, 2015**

**Kawza Numru : 21**

**Rikors Guramentat Numru : 945/2011/JPG**

**Karl Buhagiar**

**(detentur tal-karta tal-identita'**

**bin-numru 639982(M))**

**VS**

**Sandro Falzon**

**(detentur tal-karta tal-identita'**

**bin-numru 327339(M))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf ta'Karl Buhagiar tat-3 t'Ottubru 2011, li jaqra hekk :

1. *"Nhar is-27 ta' Mejju, 2011, l-esponenti xtara u akkwista minghand l- intimat, il-vettura tal-marka BMW 12OD M Sport Hatchback bin-numru tax-chassis WBAUD92080PT35583 u bin-numru ta' registrazzjoni GBL 892 u dana bil-prezz ta 'sbatax-il elf u erba' mitt Euro (€17,400);*

2. *Din il-vettura kienet affetta minn vizzju redibitorju li jrendiha mhux tajba ghall-uzu illi ghalih hija intiza u illi kieku l-esponenti kien jaf b'dan id- difett ma kienx jixtriha. ld-difett tant huwa serju u gravi illi llum il-vettura imsemmija, fost affarijiet ohra, zviluppat hsara kbira fil-magna u ma tistax tintuza u jew tinstaq u dan kif ser jirrizulta ahjar matul it-trattazzjoni tal -kawza;*

3. *L-esponenti ma jridx jibqa' jzomm din il-vettura u fil-fatt, interpella formalment lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjaliipprezentata nhar il-31 ta' Awwissu, 2011 sabiex jaccetta lura l-vettura hawn fuq imsemmija u jroddlu lura l-prezz illi hallsu. Il-konvenut wiegeb permezz ta' ittra ufficjali ta' nhar id-19 ta' Settembru, 2011 fis-sens illi l-pretensjonijiet tal- esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Peress illi ghalhekk il- konvenut baqa' inadempjenti, l-esponenti qieghed jiddepozita l-*

*istess vettura taht l-Awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti kontestwalment mal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf permezz ta' cedola ta' depozitu;*

4. *Il-vettura in kwistjoni hija mhallsa fl-intier taghha u llum hija registrata fuq isem esponenti;*

5. *L-esponenti ghandu raguni ghalxiex jemmen illi l-konvenut kien jaf bid-difetti li fiha l-vettura in kwistjoni izda fil-mument tal-bejgh ma qal xejn dwarhom lill-esponenti;*

6. *Minkejja illi l-esponenti interpella lill-konvenut sabiex jaccetta lura l- vettura hawn fuq imsemmija u jroddlu lura l-prezz illi hallsu, oltre illi jhallsu d-danni minnu subiti, il-konvenut baqa' inadempjenti;*

7. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

8. *Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha premessi, wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-esponenti illi qieghed hawn jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha:*

1. *Tidikkjara u tiddeciedi illi l-vettura tal-marka BMW 12OD M Sport hatchback bin-numru tax-chassis WBAUD92080PT35583 u bin-numru ta' registrazzjoni GBL 892 hija affetta minn vizzju redibitorju, kif fuq premess u kif ser jirrizulta ulterjorment matul it-trattazzjoni ta' din il-kawza, u illi kieku l-esponenti kien jaf b'dan id-difett ma kienx jixtriha;*

2. *Tirrexxindi konsegwentament il-bejgh u t-trasferiment ta' l-imsemmija vettura;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jiehu lura l-istess vettura u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jghogobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti, jersaq ghat-trasferiment lura lilu ta' l-istess vettura u tinnomina kuratur ghall-eventwali kontumaci;*

4. *Tikkundanna u tordna lill-konvenut jirrifondi lill-esponenti l-prezz imhallas minnu ghall-istess vettura u l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-bejgh;*

5. *Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli versu l-esponenti ghad-danni minnu sofferti konsegwenza ta' dan il-kaz;*

6. *Konsegwentament tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti, okkorrendo bl-ghajnuna ta' periti nominandi;*

7. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ipprezentata nhar il-31 ta' Awwissu, 2011, tac-cedola ta' depozitu u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut. Bl-imghaxijiet legali fuq il-prezz mill-gurnata illi gie zborsat u fuq id-danni likwidati skond il-ligi. Il-konvenut huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni".*

Rat li  l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Rat ir-risposta guramentata ta Sandro Falzon tal-25 t'Ottubru 2011 (a fol. 10) li taqra hekk :

1. *"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, u dan stante li l-vettura de quo m'ghandha ebda difett latenti;*

2. *Illi, minghajr pregudizziu ghall-premess, anke f'kaz li jirrizulta li effettivament il-vettura de quo tbaghti minn difett latenti, trid issir il-prova li l-eccepjenti jkun jaf b'tali difett biex jinstab responsabbli ghad-danni, haga li huwa jinnega bil-qawwa kollha;*

3. *Illi fic-cirkostanzi, huwa opportun li jigi kjamat fil-kawza l-awtur ta' l- eccepjenti, certu Ebbie Attard.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-21 ta'Novembru 2011 fejn gie nominat Perit Tekniku Joseph Zammit (a fol. 12);

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku Joseph Zammit prezentat fl-20 ta'Novembru 2013 u mahluf fit-12 ta'Frar 2014 a fol 97;

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-attur Karl Buhagiar tal-21 ta'Marzu 2014 (a fol 223 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonjiet responsiva ta' Sandro Falzon tas-26 ta'Mejju 2014 (a fol. 246 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**

Mill-access u mill-provi migbura jrrizulta li f'April 2011 l-attur Karl Buhagiar kien ra reklam fuq is-sit www.autotradermalta.com fejn kienet giet reklamata ghal bejgh il-vettura in kwistjoni u l-persuna inkarigata mil-bejgh kienet l-konvenut Sandro Falzon.

Illi in segwitu wara li pprova l-karozza, l-attur urieha lil huh, lill-ommu u tkellem ma' xi hbieb, u sodisfatt bil-garanzija verbali maghmula mill-konvenut, sar depozitu u l-hlas fl-intier tieghu kif miftiehem ta' sbatax-il elf u erba' mitt ewro (€17,400) liema somma thallset fit-23 ta' Mejju 2011 u l-vettura giet konsenjata lill-attur.

Din il-karozza baqghet ma tintuzax ghal xi zmien minhabba indispozizzjoni tal-attur

u bdiet tintuza regolarment mit-22 ta' Lulju 2011 sat- 18 t'Awissu 2011 f'liema perjodu l-attur saq il-karozza kuljum u qatt ma kellu problemi.

Nhar it-18 ta' Awissu 2011 zviluppat hsara fil-karozza u ghalhekk gie avvicinat il-konvenut dwar dawn il-hsarat ghaliex dehru li kienu ingenti.

L-attur beda l-investigazzjonijiet tieghu u ha l-parir ta' diversi entitajiet u persuni u sab li l-karozza kienet kopriet ferm aktar mili minn dak li kien jidher fuq l- ispeedometer taghha, u kif kien gie reklamat mill-istess konvenut.

Insegwitu il-vettura giet ezaminata minn Muscat Motors fejn gie stabbilit li l-magna kellha wear and tear sostanzjali. Il-vettura giet ukoll ezaminata minn surveyor Philip Zammit li indika li din il-karozza kienet giet re sprayed, kienu inbidlulha xi parts inkluz il-front windscreen, iz-zewg front wings u l-bumper ta' quddiem.

L-Espert Tekniku Zammit zamm access fl-14 ta' Frar, 2012 li fih ikkonduca zewg tipi ta' ezamijiet, wiehed mekkaniku fuq il-magna li minnu rrizulta li kien hemm hsarat li kienu jirrikjedu li tinfetah jew tigi zarmata il-magna, u t-tieni ezami li kien jirrispekkja l-body u l-parts tal-vettura u kien evidenti li l-windscreen ma kellux in-numri tas-serje tal-kumplament tal-vettura waqt li kien hemm indikazzjonijiet li l-vettura kienet regghet giet sprejjata.

Il-Perit Zammit xehed li l-partijiet qablu li l-magna kellha tinfetah ghand l-agenti tal-BMW, Muscat Motors. Minn dawn l-accessi irrizulta b'mod lampanti li t-*timing chain* kellha fuqha *wear and tear* kompatibbli ma milage li jeccedi bil-bosta it-63 elf mil li kien jidher fuq il-meter taghha. Ma jidhirx li kien hemm hsarat ohra fil-magna u lanqas li kien hemm xi *wear and tear* eccessiv.

Il-Perit Zammit sab illi l-unika parti ohra li fuqha nstab *wear and tear* eccessiv kien il-*clutch* li jinhtieg li jinbidel. Il-Perit Tekniku ippreciza li l-*wear and tear* misjub fuq il-*clutch* wahdu ma kienetx prova konklussiva ta' kilometragg kbir billi dan il-*wear and tear* jista' jirrizuta wkoll mill-manjiera kif is-sewwieqa juzaw il-*clutch,* u jiddependi wkoll mill-kwalita' ta' traffiku u tat-toroq.

A rigward tal-qafas tal-karozza, il-Perit Tekniku ma sab ebda indikazzjoni ta' xi *panel beating* jew tiswijiet li jindikaw kollizzjonijiet jew bdil ta' panels. A rigward il-windscreen il-Perit Tekniku osserva li 1-windscreen facli jixxellef anki minn zrar li jolqot l-istess *windscreen* waqt is-sewqan u jkun jehtieg jinbidel.

Dwar l-ispray paint jinghad li ghalkemm mad-daqqa t'ghajn jidher li huwa spray impekkabli, ezami akkurat tal-istess wera li f'diversi partijiet iz-zebgha kienet ta' hxuna aktar minn normal, fattur li indika li l-vettura kienet giet sprejjata drabi ohra u li l-vettura ma kellhiex iz-zebgha originali tal-fabbrika.

Kienu ghal dawn ir-ragunijiet li l-Perit Tekniku Joseph Zammit ikkonkluda li l-vettura tal-marka BMW mudel 120D M Sport Hatchback bix-chassis number jaqra WBAUD92080PT35583 u bin-numru ta' registrazzjoni GBL- 892:

Kellha biss 63813 mili registrati fuq il-meter taghha (kif jirrizulta mill-access tal-14 ta' Frar, 2012) **filwaqt li d-dokumentazzjoni ufficjali tal-istess vettura juru li sas-6 t'April 2010 l-istess vettura kienet ghamlet 190,570 mili (Ara Dok DS3) a Fol 129.**

Il-Perit Tekniku kkonkluda illi id-diskrepanza grossolana tal-milage tal-vettura fuq indikata hija riflessa fil-hsara li nstabet fuq it-timing chain u sekondarjarment fil-*wear and tear* fuq il-*clutch* taghha. Dawn kienu zewg fatturi li jaghtu kredibilita' ghal mileage ferm akbar minn dak indikat fuq l-istess vettura u jqarrab il-milage ta' 190,570 mili li jirrizulta fir-ricerki ufficjali tal-karozza (Ara Dok DS3) a Fol 129.

Il-Perit Tekniku li minkejja in-nuqqas ta' sinjali ta' kollizzjonijiet u l-qafas jidher li ghadu dak originali, f'diversi partijiet iz-zebgha kienet ta' hxuna aktar minn normal, fattur li indika li l-vettura kienet giet sprejjata drabi ohra u li l-vettura ma kellhiex iz-zebgha originali tal-fabbrika.

Ghalhekk il-Perit Tekniku kkonkluda illi mix-xhieda prodotta, mal-akkwist, il-vettura kien taht il-garanzija verbali u dokumentata fis-sens li l-istess karozza kellha mhux aktar mit-63 elf mil, u li kienet ghadha fi stat originali, zewg kundizzjonijiet li jirrizultaw inveritieri billi mill-hsarat fil-magna u fil-*clutch* kif korraborati mill-*history* tal-vettura juru li l-istess vettura ghamlet aktar mid-doppju f'mili minn dawk li jinsabu registrati fil-meter taghha, apparti li ma kellhiex iz-zebgha originali taghha.

L-Eespert Tekniku xehed illi sabiex isir l-accertament necessarju rigward il-hsara fuq il-karozza, kien necessarju li l-magna tigi zarmata. Minn dawn l-ezamijiet il-Perit Tekniku sab li kien hemm bzonn jinbidlu s-segwenti partijiet u jsiru x- xoghlijiet necessarji w intrinsikament marbutin ma kull darba li tinfetah magna:

| **Part** | **Spiza €** |
|---|---|
| Intake valve | €152.08 |
| Exhaust valve | €236.72 |
| Timing chain | €65.12 |
| T/chain add | €29.19 |
| Chain Tensioner | €30.38 |
| Bolt set cy | €38.38 |
| Cvl head Gkt | €263.00 |
| Oil chain | €32.45 |
| Engine oil | €45.06 |
| Oil filter | €14.43 |

| | |
|---|---|
| Gasket oil | €15.71 |
| Gasket set | €144.90 |
| Gasket RR eng | €14.42 |
| Sump sasket | €14.26 |
| Shaft seal | €20.14 |
| Engine coolant | €12.08 |
| A/C gas | €85.00 |
| **Total** | **€1,213.32** |

Ma dawn ghanda tizdid l-ispiza ta' €340 ghal *clutch* kit. Din hija spiza addizzjonali li tirrizulta necessarja galadarba l-magna inqalghet minn posta u rrizulta l-*wear and tear* fuq il-*clutch* fuq indikat u dan a skans ta' spejjez inutli.

Il-Perit Tekniku ikkostata spiza ta' elfejn euro (€2,000) ghall-labour u mechanical works.

Ghaldaqstant l-ispiza totali hija dik ta' **erbat elef, hames mija u tlieta u hamsin ewro u tnejn u tletin ewro centetmu (€4,553.32).**

Ghar-rigward tal-materja dwar il-konsapevolezza o meno daparti tal-attur ghar-rigward id-diskrepanzi fuq indikati, l-Espert Tekniku halla din il-materja ghall-gudizzju ta’ din il-Qorti.

IKKONSIDRAT

Fir-rigward tal-garanziji ta’ kwalita tal-haga mibjugha u l-garanzija kontra d-difetti mohbija, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Saviour u Theresa konjugi Agius vs Antoine Xerri (deciza 6 ta' Ottubru, 2004) li fiha l-Qorti ta’ l-Appell irriteniet:

***(a) L-ewwel obbligu hu dak tal-konsenja tal-oggett vendut. Dan fis-sens li dan l-oggett kellu jigi kkunsinnat fl-istat li kien jinsab fiz-zmien tal-bejgh (Art 1393), bl-obbligu wkoll tal-kunsinna ta’ l-accessorji tieghu (Art 1398). F’kaz li mbaghad ikun gie akkordat illi l-oggett kellu jkun ta’ certu kwalita` kien hemm l-obbligu li l-kunsinna tal-oggett tkun ta’ din il-kwalita` (Art 1390). Dan anke jekk din il-kwalita`ma tirrizultax minn xi klawsola negozjali specifikament espressa.***

***(b) Bhala t-tieni obbligu l-ligi tipprovdi wkoll li l-venditur kellu jiggarantixxi l-haga mibjugha wkoll ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha. “Garanzija din favur ix-xerrej intiza biex takkordalu l-opportunita` li xorta wahda jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat. Il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux regolata bl-artikolu 1424 et seq. tal-Kap 16 kellha allura titqies li kienet komplimentari ghall-obbligu tal-bejjiegh li jikkunsinna l-haga skond il-kwalita` mweghda u l-konsegwenzjali dritt tax-xerrej li, f’kaz ta’ nuqqas, jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta’ perit” – “Joseph Vassallo et -vs- Antonia Borg”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000.***

***Precizati dawn iz-zewg obbligi, dan ma jfisserx illi bejn iz-zewg azzjonijiet ma hemmx ukoll differenzi markati kompriz dak taz-zmien utili li fih l-azzjoni l-wahda jew l-ohra kellha tigi esperita, Kif kostantement deciz, “meta l-kwestjoni tkun qieghda taggira ruhha fuq il-kwalita` tal-haga mibjugha, il-vizzju redibitorju u t-teorija relattiva mhumiex applikabbli precizament ghaliex f’dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel***

***obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u prezumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwestjoni fuq il-kwalita` tal-haga, izda x-xerrej jippretendi li ghalkemm l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzju okkult li jirrendih inutili ghalih" (Kollez. Vol. XXXI pI p647).***

Illi ghalhekk fil-kaz in disamina wiehed irid inkun car li qeghdin nitkellmu dwar difetti latenti fl-ambitu tal-istitut tal-bejgh u b'hekk japplikaw l-artikoli 1424 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***'1424. Il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom.***

***1425. Il-bejjiegh ma jwegibx ghad-difetti li jidhru, illi x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu.***

***1426. Izda, huwa jwiegeb ghad-difetti li ma jidhrux, ukoll jekk ma kienx jaf bihom, kemm-il darba ma jkunx ftiehem li, f'dan il-kaz, m'ghandux ikun obbligat ghal ebda garanzija.***

***1427. Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jaghzel, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jaghti lura l-haga u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jigi 'l quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-qorti.***

***1429. (1) Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej.***

> ***(2) Jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti tal-haga, hu obbligat biss irodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh.***

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-gurisprudenza taghna johorgu certu principji illi jistghu jigi reassunti fis-segwenti:

(a) id-difett latenti irid ikun jezisiti fil-mument tal-bejgh;

(b) id-difett ma jridx ikun apparenti biex tidhol fis-sehh il-garanzija. Jekk id-difett huwa apparenti il-bejjiegh mhux responsabbli;

(c) Id-difett huwa apparenti meta jista' jigi skopert jew innotat permezz ta' spezzjoni ordinarja *'e non quelli che non potrebbero esser conosciuti che mediante ispezione ed indagine minuta'*, vide Borg v Souaya deciza fit-18 ta' Marzu, 198.

Illi huwa principju assodat illi sabiex vizzju jitqies redibitorji u allura produttiv ta' l-azzjoni analoga:

> ***"e` necessario che tali vizii siano di una certa gravita`, la cui misura e` determinata dalla legge su due criterii, l' uno obbiettivo consistente nella assoluta inettitudine della cosa all' uso cui e` destinata, oppure nella diminuzione di tale uso; l' altro subiettivo consistente nella intenzione del compratore il quale se avesse conosciuto quel vizio non avrebbe comprato la merce o almeno l' avrebbe acquistata a prezzo minore" – "Ettore Lucia –vs- Tommaso Chevalier nomine", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju 1920;***

Illi huwa daqstant iehor pacifiku illi:

> ***"l-vizzju huwa okkult (redibitorju) meta x-xerrej, b' diligenza ordinarja u wahdu ma jkunx jista' jiskopri d-difetti. Meta l-haga mibjugha timmanifesta ghax-xerrej ordinarjament attent difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza tad-difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Il-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom dawk taz-zmien, tal-post u tal-persuni nvoluti" – "Carmelo Schembri –vs- Salvina Aquilina nomine", Qorti tal- Kummerc, 6 ta' Novembru 1987; "Pierre Vella Petroni – vs- Joseph Oliver sive Oliver Ruggier", Appell, 3 ta' Dicembru 1999;***

Fil-kawza fl-isimijiet **'Carmel Bezzina et vs Gio Maria Bezzina et'** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Lulju 1950 inghad:

> ***'sabiex jigi deciz f'kull kaz jekk il-vizzju jew difett fil-haga mixtrija jkunx apparenti jew okkulti, dan il-fatt jiddependi mill-kriterju ta' l-apprezzament tal-fatti u tac-cirkustanzi taz-zmien, post, mod u persuna li neccessarjament irid ikun imholli fl-ekwita' u l-buon sens tal-gudikant'.***

**Ikkunsidrat:**

Illi applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, il-Qorti tqis li ma hemm dubbju ta' xejn li din il-vettura kienet milquta minn varji difetti serji. Gie stabbilit li l-vettura kienet giet reklamata u deskritta bhala ***"60K miles with BMW service history"*** (a fol 29 tal-process). Ix-xhud Raymond Falzon (a fol. 75 tal-process) kien l-persuna li l-attur talab parir dwar din il-vettura. Dan ghaliex huwa kien jifhem fil-vetturi u nizzel xi karozzi mill-Ingilterra. Falzon ta' parir lill-attur biex imur jara l-vettura ghaliex l-prezz kien wiehed tajjeb meta tiehu in konsiderazzjoni l-mili.

Illi ftit wara li l-attur beda isuq il-vettura din ma baqghetx tahdem, u irrizulta n-numru tal-mili li kienu jidhru fuq l-arlogg tal-vettura ma kienux jirriflettu il-milage reali. Kien hemm hsara fit-*'timing chain'*; u tali hsara kienet tindika b'mod lampanti il-milage ferm in eccess mnn dak reklamat. **Fil-fatt l-attur gie infurmat li l-vettura kellha 190,570 kilometri sa nhar is-6 ta' April, 2010 (Vide xhieda ta' Dione Spiteri, Manager mar-rapprezentanti lokali tad-ditta BMW – 12 ta' Marzu 2012).**

Di piu, a fol. 33 tal-atti processwali, f'dokument redatt minn kumpanija Ingliza, gie stabbilit li sas-6 ta' April, 2010, il-vettura in kwistjoni kellha 118,440 mili **(190,570km)** rekordjati fuq l-arlogg taghha;

Infatti, ir-rizultanzi mill-ezami akkurat maghmul mill-Perit Tekniku nominat fuq il-magna tal-vettura, *it-timing belt* u l-*clutch* tal-istess, kienu inkompatibbli mal-mileage reklamat ta' 60,000 miles u dan apparti l-fatt li gie stabbilit li l-karozza kienet regghet giet sprejjata u ma kelliex l-ispray originali tal-fabbrika. Dan gie korroborat pjenament mill-Perit ex parte u mill-agenti tal-BMW.

Illi irrizulta ukoll li dawn id-difetti kienu mohbija jew okkulti ghaliex kien biss meta fegg il-hsara fil-magna li l-esperti indunaw li l-mileage ma setax ikun dak indikat fuq il-meter tal-karozza. Kien il-mileage mizrapprezentat li inganna l-attur, tah x'jifhem li kien ser jixtri karozza f'kondizzjoni tajba kwazi gdida li allura ma kienetx tirrikjedi xi ezami mekkaniku approfondit. Di piu d-difett taz-zebgha, skond il-fehma tal-Espert Tekniku, ma kienx wiehed ovvju jew apparenti u kien jirrikjedi studju u certu sengha sabiex wiehed jindividwalizza il-hxuna differenti taz-zebgha f'partijiet varji tal-karozza.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dawn id-difetti kienu latenti u gravi u l-mileage reali kien tali li jbiddel il-fehma tal-attur ghal dak li jirrigwardja d-decizjoni tieghu li jew addirettura ma jixtrix il-vettura jew li jekk jixtri l-vettura, jixtrieha certament ghal prezz ferm aktar baxx. Il-

gravita` hija ikkonstata ukoll mill-Espert Tekniku li kkonferma l-htiega ta’ spiza ta’ €4,553.32 sabiex tigi ripristinata l-magna tal-vettura in kwistjoni. Huwa kwazi superfluwu li jinghad li d-difetti okkulti indikati aktar ‘il fuq kienu pre-ezistenti u antecedenti ghall-bejgh tal-vettura in kwistjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li jissussistu l-elementi kollha necessarji ghall-azzjoni redhibitoria ai termini ta’ l-Artikolu 1429 (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid illi f'kaz ta' actio redhibitoria, jekk il-bejjiegh ma kienx jaf bid-difetti la mentati, il-bejjiegh ikun obbligat li jrodd lura l-prezz lilu mhallas u l-ispejjez li ghandhom x'jaqmu mal-bejgh lix-xerrej;

Mill-provi jirrizulta illi l-attur hallas lill-konvenut is-somma ta’ sbatax-il elf u erba’ mitt Ewro (€17,400) prezz tal-vetturi in kwistjoni. Infatti tmient-elef Ewro (€8,000) thallsu permezz ta' "cheque" waqt li disat elef u erbgha mitt Ewro (€9,400) thallsu fi flus kontanti. Dan l-ammont ma giex ikkontestat mill-konvenut.

Illi a rigward l-ispejjez in konnessjoni mal-bejgh din il-Qorti hija prekluza milli tillikwida kwalunkwe somma stante li l-attur ma ressaq ebda prova in konnessjoni mal-istess.

L-attur fil-hames talba tieghu talab ghad-danni minnu sofferti konsegwenti ghal kaz in ezami stante li il-konvenut kien jaf bid-difetti in kwistjoni.

Illi il-Qorti ghandha konvinciment morali li l-konvenut kien jaf bid-difetti okkulti fuq indikati il-ghaliex kien irreklama l-vettura in kwistjoni bhala **vettura li kellha sid wiehed** meta l-konvenut kien **jaf** li kien xtara il-vettura **gja second hand**. In oltre huwa **irreklama l-vettura bis**-**"BMW service history"** meta bhala stat ta’ fatt dan il-history qatt ma gie ikkonsenjat lill-attur.

Illi ghaldaqstant il-Qorti sejra tikkonsidra bhala danni sofferti mill-attur is-segwenti:

i) il-pagament effettwat ghall-espert ex parte fis-somma ta’ €90 – Vide I a fol 43 tal-process);

ii) l-ispiza li kellu jinkorri l-attur meta kellu izarma l-mutur tal-vettura fil-presenza ta’ espert tekniku fis-somma ta’ € 690;

iii) kif ukoll ir-rapport ta’ mycarcheck.com fis-somma ta’ €17.54.

**Total ta’ seba’ mija sebgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centesmu (€797.54).**

Illi ghal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa’ it-talbiet attrici kollha ghajr ir-raba’ talba li qed tigi milqugha limitatament billi:

(i) tiddikjara u tiddeciedi illi l-vettura tal-marka BMW 120D M Sport Hatchback bin-numru tax-chassis WBAUD92080PT35583 u bin-numru ta' registrazzjoni GBL 892 hija affetta minn vizzju redibitorju;

(ii) tirrexxindi il-bejgh u t-trasferiment ta' l-imsemmija vettura;

(iii) tikkundanna lill-konvenut sabiex jiehu lura l-istess vettura u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi zmien xahar jersaq ghat-trasferiment ta' l-istess vettura f’ismu u tinnomina, minn issa l-Avukat Stefano Filletti bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;

(iv) tikkundanna u tordna lill-konvenut jirrifondi lill-attur il-prezz imhallas minnu ghall-istess vettura fl-ammont ta' sbatax-il elf u erba' mitt Euro (€17,400) u tichad it-talba ghall-ispejjez li kellhom x’jaqsmu mal-bejgh;

(v) tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli versu l-attur ghad-danni sofferti minnu;

(vi) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' seba’ mija sebgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centesmu (€797.54);

(vii) U tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati fis-somma ta' seba' mija sebgha u disghin Euro u erbgha u hamsin centesmu (€797.54) lill-attur;

Bl-isejjez kollha kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ipprezentata nhar il-31 ta' Awwissu, 2011, tac-cedola ta' depozitu u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut mal-prezentata ta' din il-kawza;

Bl-imghax legali kontra l-konvenut li ghandu jibda jidekorri mis-sentenza ghal dak li jirrigwardja d-danni u r-refuzjoni tal-prezz tal-karozza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------